**Mistoqsijiet Frekwenti**

*Għalfejn kien hemm il-ħtieġa għal bidla fl-uniformi tal-iskola?*

Fl-2019 il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol mexxa proċess ta' konsultazzjoni pubblika ma' studenti, edukaturi u ġenituri / kustodji legali dwar il-fehmiet tagħhom dwar l-uniformi tal-iskola. Kien hemm fehma ċara ħafna għal uniformi li hija *tracksuit* komda li tinkludi *polo shirt*, *t-shirt*, xorts, beritta u ġakketta għax-xitwa.

*X'kienu r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-uniformi tal-iskola?*

85% tal-istudenti tal-iskejjel Primarja, 91% tal-istudenti Medji u Sekondarji u 73% tal-ġenituri u tal-edukaturi kienu favur li jkollhom *tracksuit* komda, *polo shirt*, *t-shirt*, xorts, beritta u ġakketta għax-xitwa

*X'kienet id-deċiżjoni tal-Ministeru wara l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika?*

Wara l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, il-Ministeru ddeċieda li jżomm l-għażla tal-maġġoranza.

*Min għamel l-ewwel kunċett tad-disinn tal-uniformi l-ġdida?*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ikkummissjona l-kunċett tad-disinn il-ġdid għall-uniformi l-ġdida lill-istudenti tal-kors tal-Moda u d-Disinn ġewwa l-MCAST, li flimkien mal-letturi tagħhom ipproduċew kunċetti differenti tad-disinn.

*X'ġara wara li d-disinn tal-uniformi l-ġdida ġie ffinalizzat?*

Wara l-proċess ta' konsultazzjoni u l-kunċett tad-disinn, saru diversi *workshops* ma' Kapijiet tan-Netwerks tal-Kulleġġi (Prinċipali tal-Kulleġġi) biex jiġi ffinalizzat id-disinn u l-kunċett għall-uniformijiet il-ġodda. Dawn il-*workshops* ġew segwiti minn diskussjonijiet dwar kif tiġi introdotta gradwalment l-uniformi l-ġdida, u talba miftuħa għal proposti mill-industrija biex jintgħażel il-fornitur tal-uniformi l-ġdida kif ippubblikat.

*Meta se tiġi introdotta l-uniformi l-ġdida?*

L-uniformi l-ġdida se tiġi introdotta f'fażijiet mis-sena skolastika li jmiss 2020/2021.

*Min għandu bżonn jixtri l-uniformi l-ġdida tas-sena skolastika li jmiss?*

Fis-sena skolastika 2020/2021 l-uniformi l-ġdida qed tiġi introdotta għall-istudenti tal-Ewwel Sena tal-Kinder, u tal-Ewwel, tas-Seba' u tad-Disa' Sena.

*Jistgħu studenti ta' snin oħra minbarra l-Kinder 1, l-Ewwel Sena, is-Seba' Sena u d-Disa' Sena jixtru l-uniformi ġdida s-sena skolastika li jmiss?*

Mis-sena skolastika 2020/2021 l-uniformi l-ġdida għandha tkun disponibbli għal gruppi ta’ snin oħra skont id-disponibbiltà mill-fornitur.

*Kif se tiddaħħal gradwalment l-uniformi l-ġdida għall-gruppi tas-snin l-oħra?*

L-introduzzjoni gradwali tal-uniformi l-ġdida hija ppjanata li tinfirex fuq tliet snin skolastiċi:

• Fis-sena skolastika 2020/2021 l-uniformi l-ġdida se tiġi introdotta għall-istudenti tal-Ewwel Sena tal-Kinder 1, tal-Ewwel, tas-Seba’ u tad-Disa’ Sena.
• Fis-sena skolastika 2021/2022 l-uniformi l-ġdida se tiġi introdotta għall-istudenti tal-Ewwel Sena tal-Kinder, tal-Ewwel, tas-Seba’ u tad-Disa’ Sena.
• Sas-sena skolastika 2022/2023 l-istudenti kollha se jattendu l-iskola bl-uniformi l-ġdida. Eċċezzjonijiet jitqiesu fil-każ ta’ studenti tas-sena 11 fis-sena skolastika 2022/2023.

*Min hu l-fornitur għall-uniformijiet il-ġodda?*

Il-fornitur uffiċjali huwa Yorkie Clothing.

*X'inhuma d-dettalji korretti tal-fornitur għall-uniformi l-ġdida?*

Ħanut: Yorkie, Triq San Giljan, B'Kara BKR 2808. (ħdejn l-Isptar Mater Dei)
Fabbrika: 050, Qasam Industrijali, San Ġwann SGN 3000
Email: *info@schooluniformsmalta.com*
Tel: +356 2149 7278

*L-uniformi l-ġdida se tkun disponibbli biss mingħand dan il-fornitur?*

Il-fornitur uffiċjali huwa Yorkie Clothing.

*Meta u kif tista’ tinxtara l-uniformi l-ġdida?*

L-uniformi l-ġdida hija disponibbli u tista’ tordnaha onlajn billi taċċessa l-websajt ta' Yorkie Clothing (http://www.schooluniformsmalta.com) jew inkella billi żżur il-ħanut / fabbrika ta’ Yorkie Clothing.

*Meta tista’ tiġi ordnata l-uniformi l-ġdida?*

L-uniformi l-ġdida tista’ tiġi ordnata onlajn (http://www.schooluniformsmalta.com) jew personalment mill-ħanut / fabbrika ta’ Yorkie Clothing.

*L-uniformi l-ġdida meta se tkun tista’ tinġabar?*

L-uniformi l-ġdida se tkun disponibbli għall-ġbir minn Yorkie Clothing minn nofs Settembru 2020. Yorkie Clothing għandha tinforma lill-ġenituri / kustodji legali li l-uniformi tista’ tinġabar.

*Jekk l-uniformi l-ġdida ma tkunx disponibbli fil-ħin għas-sena skolastika li jmiss, l-studenti x'se jintalbu jilbsu?*

L-uniformi l-ġdida għandha tkun disponibbli biex tinġabar minn nofs Settembru. Madankollu jekk il-wasla tal-uniformi l-ġdida tittardja, il-ġenituri / kustodji legali jiġu mgħarrfa x'se jiġri.

*Liema lbies huwa parti uffiċjali mill-uniformi Ġdida?*

L-uniformi uffiċjali tikkonsisti f'dan li ġej:

*Kinder u Primarja - Uniformi tax-Xitwa*

- Qliezet tat-*tracksuit*
- Ġerżi Crewneck tat-*tracksuit*
- Ġakketta tat-tracksuit
- Polo Shirt (kmiem twal) – OĠĠETT ĠDID
- Ġakketta tax-Xitwa / *Anorak*
- Beritta

*Kinder u Primarja - Uniformi tas-Sajf*

- Xorts tal-P.E. (li jintlibsu bħala xorts ta' P.E tax-xitwa wkoll)
- Polo Shirt (kmiem qosra)
- T-Shirt tal-P.E. - Sajf (kmiem qosra - li jintlibes bħala flokk qasir tax-xitwa tal-P.E. wkoll)
- Beritta

*Skejjel Medji u Sekondarji - Uniformi tax-Xitwa*

- Qalziet tat-*tracksuit*
- Ġakketta tat-tracksuit
- Shirt Polo (kmiem twal) - OĠĠETT ĠDID
- Ġakketta tax-Xitwa / Anorak - OĠĠETT ĠDID
- Beritta

*Skejjel Medji u Sekondarji - Uniformi tas-Sajf*

- Qliezet Chino (sajf) - OĠĠETT ĠDID
- *Polo Shirt* (kmiem qosra)
- Xorts tal-P.E.
- Flokk tal-P.E.(kmiem qosra)

*Hemm xi oġġetti ġodda li ma kinux jagħmlu parti mill-uniformi l-antika imma li issa huma parti mill-uniformi l-ġdida?*

L-uniformi l-ġdida se jkollha oġġetti ġodda li ma kinux inklużi fl-uniformi ta' qabel.

Dawn l-oġġetti ġodda huma:

• *Polo Shirt* tal-kmiem twal għall-istudenti tal-iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji;
• Ġakketta tax-Xitwa għall-istudenti tal-iskejjel Medji u Sekondarji
• Qalziet Chino tas-Sajf għall-studenti tal-iskejjel Medji u Sekondarji.

Dawn l-oġġetti l-ġodda ġew inklużi fuq talba matul il-proċess ta' konsultazzjoni.

*Liema oġġetti ta' l-uniformi ta' qabel m'għadhomx parti mill-uniformi l-ġdida?*

Dawn huma l-oġġetti li tneħħew mill-uniformi l-ġdida:

• *Blazer*
• Qmis
• Qliezet qosra
• Qliezet twal
• Dublett
• Ġerżi
• Ingravata / *Cravats*

*X'inhu l-prezz tal-uniformi l-ġdida?*

Il-prezzijiet tal-uniformi l-ġdida ivarjaw skont il-kulleġġ rispettiv u jinsabu fid-dokument mehmuż.

*Il-prezz ta' l-uniformi l-ġdida żdied?*

Meta tqabbel nefqa ta' uniformi l-ġodda kompluta ma' nefqa għal unifomi sħiħa ta' qabel, il-ġenituri / kustodji legali se jiffrankaw €37.50 għal kull student li jattendi skola primarja u €55.50 (inkluż il-*blazer*) u €19.10 (eskluz il-*blazer*) għal kull student li jattendi fi skola Medja jew Sekondarja.

*Għal kemm żmien se jiġi ffissat il-prezz għall-uniformi l-ġdida u ma jistax jiżdied?*

Il-prezz tal-uniformi l-ġdida se jkun iffissat għas-seba' snin li ġejjin.

*Id-disinn tal-uniformi l-ġdida se jkun l-istess għall-gruppi tas-sena kollha?*

L-uniformi l-ġdida ta' kull Kulleġġ tal-Istat se jkollha dettall partikolari u skema ta' kulur biex tidentifika l-kulleġġ rispettiv.

Id-disinn tal-uniformi l-ġdida tvarja minn gruppi tal-Primarja sal-Medju / Sekondarju.

Il-kunċett ta' *clustering* iddaħħal ukoll fit-*trackuit* għall-iskejjel Medji / Sekondarji, fejn id-disinn u l-iskema tal-kulur huma l-Kulleġġ tal-Istat fi ħdan il-*cluster*.

*Fir-rigward ta' settijiet (tracksuit) se jkun possibbli li jitħalltu daqsijiet?*

It-*tracksuits* jistgħu jinxtraw separatament skont id-daqsijiet meħtieġa.

*Xi mistoqsijiet oħra?*

Jekk jogħġbok ikkuntattjana għal aktar mistoqsijiet:
Telefon - 153
Indirizz tal-Email – els.mede@gov.mt